# SAN ĠWANN FIL-"BLITZ"

*Xħin venvnu fuq il-Belt il-bombi u l-ħsara,*
*U mkexkxa n-nies indifnet ġe l-għerien,*
*U l-pjazez u t-triqat saru l-għamara*
*Ta' kotra ta' gremxul u ta' firien,*

*U ġġarrfu l-Bereġ, u l-Palazzi waqgħu*
*U ħerba, ħerba, ħerba kullimkien...*
*Ħltanek biss, "San Ġwann", li sħiħa baqgħu*
*Ix-xaqq ta' dawl fid-dlam ta' dak iż-żmien.*

*U jien li nħobbok għax inħobb ġrajjietek*
*Minsuġa mal-ġrajjiet ta' Malta tagħna ,*
*Elf darba bkejt u fraħt nara suritek*
*Qalb ħalel ta' qerdien għadha felħana,*

*Għax minnek biegħed b'ħena ħruq in-nar*
*Id-dell ta' min għollïek—Ġrolmu Cassar.*

R. BRIFFA.